MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 680/2000/1

**Majid Eddin Djar Bakrali**

**vs**

**Maria Dolores Micallef**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta’ April 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-31 ta’ Marzu 1994.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien marbut b'kundizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara l-imsemmi zwieg null u bla effett ghat-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 3 ta' Mejju 2000 li permezz taghha esebixxa kopja legali ta' l-att taz-zwieg bejn il-partijiet bin-numru ta' skrizzjoni 312/94.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta' Novembru 2000 fejn id-difensuri rispettivi taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u Dr. Greta Mifsud Agius ghall-konvenuta nghatat anke kopja tac-citazzjoni attrici seduta stante. Il-Qorti nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali biex tigbor il-provi fil-kawza u tirrelata; u tal-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' l-attur datata 27 t'April 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Kabtula Mohammed Kader.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 14 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

2. Illi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens ghaz-zwieg ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tal-20 ta' Settembru 2001; tal-11 ta' Jannar 2002; tal-5 t'April fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tal-25 ta' Gunju 2002; tal-10 ta' Dicembru 2002; tas-6 ta' Frar 2003; tal-11 ta' Marzu 2003; tas-26 ta' Marzu 2003; tat-22 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Sandra Sladden halfet ir-rapport taghha. Dr. Mark Busuttil ghall-attur irrimetta ruhu ghall-istess rapport; u tas-16 t'Ottubru 2003 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha baqghu ma dehrux u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz Ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** xehed permezz tad-dikjarazzjoni tieghu guramentata fl-10 ta' April 2000. Huwa anke pprezenta affidavit ta' **Katbula Mohammed Kader**. L-istess **attur** fis-seduta mizmuma fit-23 ta' Jannar 2001 u rega' kompla jixhed fis-seduta tat-8 ta' Frar 2001.

Illi min-naha l-ohra l-**konvenuta** ressqet il-provI taghha permezz tad-dikjarazzjoni taghha. Hija anke xehdet fis-seduta tas-26 ta' April 2001 u kompliet tixhed fit-22 ta' Mejju 2001 u anke fl-10 ta' Settembru 2001.

Illi l-partijiet damu johorgu flimkien bejn sitta' u seba' xhur biss. Huma ddecidew li jizzewgu ghax hassew illi kien wasal iz-zmien – hu kellu wiehed u tletin (31) sena u hi kellha erbgha u tletin (34). Meta zzewgu l-attur kien ilu Malta xi sena u nofs. L-attur ried it-tfal minn dan iz-zwieg izda l-konvenuta ma wriet l-ebda nteress li riedet it-tfal. B'kollox iz-zwieg dam xi sentejn, u skond l-attur l-ewwel sena u nofs kienu tajbin.

Illi l-konvenuta diga' kellha tifla minn zwieg iehor. L-attur xehed illi wara xi sena u nofs din it-tifla, li jsimha Christine, cemplet lil ommha mill-Ingilterra u qaltilha li ma tridx tirritorna d-dar. Skond l-attur, minn dakinhar il-konvenuta bdiet tinbidel fis-sens illi bdiet titbieghed minnu u bdiet twarrbu. Kull darba li kien jistaqsiha x'gara kienet tirrispondi li *"xejn"*.

Illi kif ra hekk, l-attur beda johrog jiltaqa ma' shabu wara x-xoghol. Il-konvenuta wkoll bdiet tohrog wahedha mat-tifla u kienet iddum barra.

Illi l-attur xehed illi darba ghamillha l-ghassa u raha go *bar* f'The Strand ma' ragel iehor li llum fil-fatt ghadha mieghu, u flimkien ghandom tarbija ta' xi tliet (3) snin. L-attur xehed illi *"Jien bdejt narhom flimkien ta' spiss"*. Kif ra hekk, l-attur iddecieda jitlaqha u sseparaw fil-21 ta' Novembru 1996.

Illi meta beda johrog mal-konvenuta, l-attur ma kellux impjieg u sab impjieg xi sena wara li zzewweg. Meta kien jahdem kien jaghtiha flus ghall-hajja lill-konvenuta.

Illi l-perjodu meta kienu ser jisseparaw, l-atttur kien ghamel xi xahrejn l-isptar u f'dan il-perjodu l-konvenuta qatt ma marret tarah.

Illi l-attur, meta xehed it-tieni darba, qal illi meta l-kontendenti diga' ma kienux joqoghdu flimkien, kien ra lill-konvenuta ma' din it-terza persuna u kien mar ikellimha u qalilha tmur mieghu. Hi qaltlu li ser iwassalha l-iehor u kien mar jistenniha d-dar. Kif ra li sas-2:00 a.m. ma rritornatx id-dar hu qabad u mar id-dar tieghu.

*"Fiz-zwieg il-konvenuta fl-imgieba taghha kienet turini li riedet tevitani. Jien kont noqghod fil-kamra tas-sodda u hi kienet torqod fis-salott. Jien kont nistaqsiha ghalfejn, izda ma kinitx taghtini risposta. Kont nghamel sforz izda kollu ghalxejn."*

Illi l-attur rega' xehed illi hu dejjem xtaq tfal izda l-konvenuta ma riditx. Darba hasbu li tqila u meta skopriet li m'hijiex tqila l-konvenut kienet hadet gost – *"Jien meta rajtha kuntenta hassejt illi ma kienx hemm zwieg bejnietna."*

Illi **Katbula Mohammed Kader,** xhud tal-attur, xehed permezz ta' affidavit. Hu xehed illi huwa ta' nazzjonalita' Sirjana. Sar jaf lill-attur hawn Malta qabel ma zzewweg lill-konvenuta. Ighid ill fil-ftit zmien li ghamlu gharajjes gieli hareg maghhom.

Illi Katbula Mohammed Kader jixhed illi kien josserva li l-attur ma kienx iebes mall-konvenuta, specjalment fejn jidhlu flus. Xehed illi anke meta l-attur kien ma jiflahx l-isptar *shorts* wahda kien jibaghtu jatiha l-flus ghall-hajja anke jekk diga' kien hemm il-problemi bejniethom. Meta kien iheggeg lill-konvenuta tmur tara lill-attur, din, min-naha taghha kienet *"… ghamlithieli cara li ma kenitx interessata liema haga kont verament nisthi nghidha lilu*."

Illi skond Katbula Mohammed Kader, il-konvenuta wriet interess fil-flus biss u xejn aktar. Ighid illi meta l-attur kien l-isptar u dan ix-xhud mar jatiha l-flus lill-konvenuta, dina lanqas biss staqsietu minn fejn qieghed igib il-flus l-attur peress illi kien qieghed l-isptar – skond hu, hatfet il-flus u daqshekk. Dan ix-xhur ikompli, *"Dan qed nghidu peress illi Majid kellu bzonn l-ghajnuna taghha, aktar u aktar meta hu kien barrani f'pajjiz barrani."*

Illi Katbula Mohammed Kader xehed illi kemm-il darba nnota illi l-konvenuta kienet tghid illi ma tridx tfal u din kienet taffetwah hafna lill-attur - *"… li kien dispjacut b'dan l-agir u evidentement nuqqas ta' mhabba lejh. Din in-nuqqas ta' sincerita' da parti taghha tispikka meta hi harget tqila minn ragel iehor u fil-fatt welldet it-tifel ta' dan ir-ragel, li tirrifletti li dan iz-zwieg qatt ma kellu jsir."*

Illi l-**konvenuta** xehdet *viva voce* fi tliet seduti. Il-konvenuta tghid illi kien hemm perjodu ta' xi sitt (6) xhur gherusija, f'liema perjodu *"qatt ma kellna diskussjoni dwar il-hajja matrimonjali."* Il-konvenuta tirreferi ghar-relazzjoni taghha mall-attur bhala wahda ta' *"the best of friends",* u din baqghet hekk anke wara z-zwieg, peress illi qatt ma kien hemm relazzjoni ta' *"husband and wife".* Il-konvenuta tghid illi *"ma' l-attur qatt ma ddiskutejt xi jfisser iz-zwieg."*

Illi hi qalet illi waqt l-gherusija hija kienet qaltlu lill-attur illi hi diga' ghandha tliet itfal u ghalhekk *"ma riditx tfal".* Skond hi, l-attur qatt ma argumenta maghha fuq dan il-punt. *Di piu'*, il-konvenuta tghid illi hi lanqas biss riedet tizzewweg peress illi hi kienet diga' ilha mizzewga ghal tmintax-il sena u r-ragel taghha miet f'incident. Ghalkemm il-konvenuta kienet tghidlu lill-attur illi ma trix tizzewweg, *"… hu kien dejjem ighidli li jekk ma nizzewgux hu ser ikollu jitlaq minn Malta peress illi ma kellu l-ebda permess biex jibqa' hawn. Jien, biex naghmillu pjacir kont izzewwigtu ghaliex bzajt li kien ser jitkecca mill-pajjiz."*

Illi l-konvenuta tghid illi meta zzewgu hi ma kenitx tafu sew lill-attur. Kienet tohrog mieghu bhala hbieb u dejjem kienet akkompanjata mit-tfal taghha li kienu zghar. Hin wahedhom ftit li xejn kellhom. Generalment kien johodhom Wied il-Ghajn ghand il-hbieb tieghu, liema hbieb kienu jitkellmu bl-Gharbi u l-konvenuta ma kienet tifhem xejn.

Illi z-zwieg tfarrak minhabba diversi ragunijiet. Il-konvenuta ssemmi illi hi diga' kellha familja li tikkonsisti minn tliet itfal u l-attur ma kienx lest ghal dan il-piz. Kellhom ukoll problemi finanzjarji fis-sens illi l-attur daqqa

kien jaghtiha manteniment u daqqa le. Kontrarjament ghal dak li l-attur kien ftiehem mall-konvenuta, beda jirrifjuta li jmantni lit-tfal tal-konvenuta peress illi dawn ma kienux tieghu. Kienu jezistu dawn il-problemi fnanzjarji *nonostante* il-fatt illi l-attur kien jahdem. Il-konvenuta tghid illi *"wara x-xoghol kien jigi jiekol u jitlaq Wied il-Ghajn ghand il-hbieb. Din kien jaghmilha ta' kuljum u kien ighidli li jiddiskutu x-xoghol."*

Illi fiz-zwieg oht il-konvenuta kienet sellfet lill-attur somma flus sabiex jixtri karozza bil-ftehim illi jhallasha lura. Izda l-attur naqas milli jzomm dan il-ftehim u fuq din il-kwistjoni l-kontendenti kellhom hafna xi jghidu ghax il-konvenuta rrealizzat illi l-attur m'ghandux kelma ta' ragel.

Illi minhabba l-problemi finanzjarji, il-konvenuta regghet bdiet tahseb biex tahdem, izda l-attur kien ghamilhielha cara illi jekk tibda tahdem ikollha tibda tghin lilu finanzjarjament. Din m'ghogbithiex lill-konvenuta ghaliex kellha bzonn il-flus ghaliha personalment u ghat-tfal sabiex ighixu, u ghalhekk bdiet tahdem bil-mohbi bhala *maid*.

Illi dwar ir-relazzjoni sesswali, il-konvenuta tghid illi din ma kenitx wahda tajba ghax *"… kien jittrattani qisni annimal ..."* Tirrakkonta kif kienu jmorru Bahar ic-Caghaq ghall-gelat flimkien mat-tfal u l-attur kien irid ikollu x'jaqsam sesswalment mal-konvenuta fil-karozza quddiem it-tfal – *"konna dejjem nispiccaw niggieldu."*

Illi b'kollox dan iz-zwieg dam xi sena u nofs.

Illi l-konvenuta tixhed illi *"ghalija, iz-zwieg ma tantx kien ifisser xi haga peress illi ma ridtx nizzewweg. Jiena izzewwigt ghax kont naf li l-attur kienet tghogbu Malta u xtaq jibqa hawn. Jiena ghamiltlu pjacir u hsibt li forsi l-emozzjonjiet tieghi lejh jinbidlu ghall-ahhjar fiz-zwieg, izda ma nbiddlux. Jien izzewwigt biex jibqa Malta."*

Illi l-konvenuta regghet sostniet illi *"jien izzewwigtu ghax kont nibza' li jkeccuh minn Malta. Izzewwigt ghalih u mhux*

*ghalija. Jien kelli fejn noqghod, kelli t-tfal, kelli ntrojtu, kelli kollox."*

**(ii) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI PRODOTTI.**

Illi fit-tieni premessa tac-citazzjoni l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u konsegwentement z-zwieg huwa null, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa tac-citazzjoni, l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fit-tielet premessa l-attur ippremetta illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien marbut b'kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (d), (f), u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

***"19(1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null –*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-provi mressqa mill-partijiet, hija ser tibda tezamina n-nullita ta' dan iz-zwieg fuq dak li jipprovdi l-**paragrafu (f) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap 255** li jghid illi *"iz-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira ta' eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fis-sentenza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat li l-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi simulazzjoni tirrikjedi l-prova tal-mottiv i.e. tal-*finis operis*, liema prova tista tasal ghaliha bid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet infushom (jekk huma kredibbli), ta' familjari jew ta' hbieb, apparti l-*circumstantial evidence*.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (P.A. 22 ta' Gunju 1988), l-attrici zzewget sabiex tottjeni c-cittadinanza u ghalhekk kien zwieg ta' konvenjenza. Inghad li jekk persuna tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali.

Illi fis-sentenza **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti*

*jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*

Illi fl-istess sentenza nghad illi *"l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' volonta' jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta pozittiva li teskludi tali elementi essenzjali."*

Illi b'referenza ghas-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 t'Awissu 1995) il-kuncett ta' simulazzjoni gie spjegat hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi b'referenza ghall-awtur ***Castano***, l-istess decizjoni kompliet tikkjarifika illi *"fi kliem iehor, irid ikun hemm il-hsieb maghmul li wiehed jeskludi tali zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali tieghu."*

Illi fil-kaz **"Zinn vs Dr. Tonio Mallia et noe"**, (deciza mill-P.A. fl-14 ta' Awissu 1995), gie ritenut illi *"positive act of the will"* tista' anke tkun implicita:-

*"Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, il-hsieb maghmul, il-volonta' pozittiva (fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens) li wiehed irid jeskludi z-zwieg innifsu jew xi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, tista' tigi manifestata anke mplicitament permezz tal-mod ta' kif wiehed igib ruhu u tac-cirkostanzi tal-hajja tieghu."*

Illi fil-kaz **"McKenzie *sive* McKenzie Macpherson sive Macpherson vs Dr. Anthony Cremona Barbaro et noe"** (deciza mill-P.A. (WG) fis-27 ta' April 1983), gie emfasizzat illi z-zwieg kien issimulat peress illi l-unika skop taz-zwieg kien sabiex parti minnhom tottjeni residenza fl-Ingilterra.

Illi l-istess kien il-kaz **“Gatt vs Gatt”** (deciz mill-P.A. fit-28 ta’ Gunju 1994), gie deciz illi z-zwieg kien issimulat peress illi l-attrici riedet tizzewweg lill-konvenut, li kien Malti, sabiex tottjeni c-cittadinanza Maltija.

Illi fil-kaz **“Conte vs Conte”** (deciz mill-P.A. fis-27 ta’ April 1994) il-partijiet izzewgu sabiex il-konvenut, li kien ta’ nazzjonalita’ Taljana, seta jottjeni *work permit* hawn Malta. Il-Qorti osservat illi:-

*“Huma kienu jafu b’dak kollu li kienu dehlin ghalih, pero’ ma setghux jaghmlu haga ohra hlief illi jizzewgu ghalkemm ma kienux iridu jghamlu dan il-pass. Dan ifisser illi z-zwieg tal-kontendenti ghandu jigi dikjarat null mhux minhabba xi nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jew minhabba anomalija psikologika, imma peress li l-kontendenti meta marru ghax-zwieg, eskludew bl-izjed mod car u pozittiv, haga li fil-fatt esegwew anke bil-hajja taghhom li segwiet, l-elementi kollha li fuqhom huwa mibni z-zwieg.”*

Illi kif gie spjegat fid-decizjoni fl-ismijiet **“Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et”**, (Qorti tal-Kummerc, 1 ta’ Ottubru 1884), Vol.X p.912:-

*“a poter dedursi la invalidita dell’atto e’ necessario che risulti chiaro, che cio’ che si contrattava non era la verita, ma una simulazione, cioe’ ‘fictio seu ostensio falsi pro vero’.*

Illi meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzajli.

Illi taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.

Illi rigward l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (decizjoni tal-14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fis-sentenzi **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. 30 ta' Jannar 1991) u **"Grech vs Grech"** (P.A. 9 t'Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u cjoe' l-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994): *"Jekk din il-Consortium Vitae hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mill-partijiet fir-rigward, din il-Qorti thoss u hija moralment konvinta illi min-naha tal-konvenuta, din ma riditx tizzewweg u zzewget biss ghax riedet taghmel pjacir lill-attur. Il-kontendenti zzewgu ghax l-konvenuta u l-attur kienu hbieb kbar u l-konvenuta bezghet illi l-attur, li mhuwiex Malti, ser jitkecca minn Malta. L-attur stess kien ighidilha li jekk ma jizzewgux hu kien ser jigi mkecci minn Malta. Il-konvenuta ma kellha l-ebda nteress fiz-zwieg peress illi hi diga kienet ilha mizzewga tmintax-il (18) sena

u minn dan iz-zwieg kellha tliet itfal. Qabel izzewget lill-attur, il-konvenuta kienet tahdem u ghalhekk ma kien jonqosha xejn. Ghalhekk, kif tghid il-konvenuta, hi diga' kellha kollox u dan iz-zwieg ma riditux. Izzewget ghas-semplici raguni illi riedet tghamel pjacir lill-attur u cjoe' sabiex ikun jista' jibqa jghix u jahdem hawn Malta.

Illi c-cirkostanzi tal-gherusija, li damet sitt xhur u taz-zwieg li dam xi sena u nofs biss, kollha jikkorraboraw dawn id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuta. Il-hbiberija qabel iz-zwieg damet sitt xhur u l-kontendenti qatt ma tkellmu dwar zwieg. Kienu biss hbieb kbar u s-sitwazzjoni baqghet hekk anke wara z-zwieg. Skond l-konvenuta qatt ma kien hemm relazzjoni ta' *"husband and wife"*.

Illi l-konvenuta tghid illi ghaliha z-zwieg ma kien ifisser xejn. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din id-dikjarazzjoni tirrifletti l-verita' *stante* illi hekk kif kellhom l-problemi finanzjarji, il-konvenuta ma ghamlet l-ebda sforz sabiex jirrangaw il-problemi ta' bejniethom u minflok il-konvenuta ddecidiet li tissepara. *Di piu'*, l-attur allega illi l-konvenuta kellha relazzjoni ma' terza persuna waqt iz-zwieg (li minnu llum ghandha tarbija), liema allegazzjoni ma gietx negata mill-konvenuta. Iz-zwieg sar biss civilment.

Illi l-konvenuta tghid illi hi kienet ghamlithielu cara lill-attur, sa minn qabel iz-zwieg, illi hi ma riditx tfal ghax diga' kellha tlieta. Hawnhekk ghandna ezempju car ta' simulazzjoni parzjali. Tant il-konvenuta ma riditx <u>dan</u> iz-zwieg u ma riditx tfal minn <u>dan</u> iz-zwieg. Fil-fatt, sussegwentement il-konvenuta kellha tarbija minn ragel iehor.

Illi min-naha tieghu, l-attur ma ghamilx dawn id-dikjarazzjonijiet. Anzi jghid illi hu riedu dan iz-zwieg. Izda, l-Qorti bhal Perit Legali ghandha d-dubbji dwar il-veracita' *o meno* tac-cirkostanzi kif spjegati mill-attur. Il-Qorti tirreferi ghad-domanda u osservazzjoniiet li gustament saqsiet u ghamlet l-istess Perit Legali f'dan il-kuntest u cjoe':-

*"Ghalfejn l-attur kellu jizzewweg mara wara sitt xhur biss li kien ilu jafha, u li diga' kellha tliet itfal? Nonostante dan id-dubju, l-attur fl-ebda mument ma xehed illi dan kien zwieg ta' konvenjenza – anzi, fix-xhieda wera illi hu anke xtaq tfal minn dan iz-zwieg. Pero', il-konvenuta xehdet b'mod esplicitu illi qabel iz-zwieg l-attur kien ighidilha sabiex jizzewgu ghax inkella jitkecca minn Malta".*

Illi ghaldaqstant, mix-xhieda pprezentata u minn analazi tal-aspett legali kif fuq spjegat, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-elementi mehtiega sabiex jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**artikolu 19 (1) (f)** jirrizultaw u ghalhekk il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress illi inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' xi elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u cjoe' l-eskluzjoni tal-*bonum prolis*.

Illi l-Qorti ser tghaddi wkoll sabiex tezamina l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kliem fil-Ligi *"difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha"* jirreferu ghal uzu sufficjenti tal-kapacitajiet intelletwali u volatili, li wiehed ghandu jkollu biex jidhol ghaz-zwieg. Il-persuna trid tkun taf xi trid u trid tkun kapaci taghmel decizjoni hielsa u volontarja. Il-persuna trid tifhem u tixtieq l-implikazzjoni tal-kunsens taz-zwieg, irid ikun jaf x'inhuma d-drittijiet, dmirijiet u obligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ***Dr. Anna Evellina Barbara*** fit-tezi taghha **"The civil and canonical concept of simulaton in marriage. A comparitive study in the respective doctrine, case law and jurisprudence"** tghid hekk:-

*"Where the party is said to suffer from a serious defect of discretion of judgment, he is incapable of an act of the will, and therefore of a free and voluntary choice. Such a*

*person would therefore necessary lack the ability to assume the essential obligations of marriage. On the contrary, simulation consists in a positive exclusion of marriage itself or of an essential element by means of a positive act of the will. Consequently, if the party is said to suffer from a serious defect of discretion of judgment and cannot make a free choice by an act of the will then he cannot exclude marriage, or any essential elements. Hence the party cannot simulate his marriage.”*

Illi ghalhekk, il-kuncett ta’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, hija ntrinsikament marbuta mal-kapacita’ ta’ persuna li tati kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi rigward it-tieni parti tas-**subinciz 19 (1) (d)** il-Ligi tkompli hekk:-

*“jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”.*

Illi ***Dr. Anna Evellina Barbara*** fit-tezi taghha fuq citat, tghid hekk:-

*“The question of inability to assume the essential obligations of marriage refers to the case where the party understands the obligations, rights and duties of marriage, and perhaps even wills them. He also has sufficient use of reason and enough discretion of judgment to make a critical choice. However, due to a serious psychological condition, he is incapable of putting them in practice, even though he tries his utmost. This is the only case allowing a possibility of simulation of the marriage consent.”*

Illi fid-dawl tas-suespost, jirrizulta awtomatikament li dan iz-zwieg huwa wkoll null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li fl-ahjar ipotesi ghat-tezijiet vantanti mill-partijiet rispettivament il-kunsens ta’ kull parti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga tant li l-partijiet la fehmu u

lanqas riedu jifhmu x'inhuma l-elementi essenzjali taz-zwieg u certament li ma kien l-ebda mpenn ghal dan iz-zwieg la min-naha u lanqas minn ohra, u f'din il-konkluzzjoni din il-Qorti ovvjament ma' taqbilx mal-mod kif dan l-artikolu gie trattat mill-perit legali, kif *di piu'* d-decizjonijiet kollha ta' dawn il-Qrati juru, anke minn dawk citati mill-istess perit legali fir-relazzjoni taghha, anke dawk li ser jigu citati aktar 'il quddiem.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255** l-attur ippremetta illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi fil-kaz **"Bolus vs Bolus"** (P.A. deciz fit-12 ta' Dicembru 1995) l-attur li kien ta' nazzjonalita' Egizzjana, ried joqghod Malta. Habib tieghu Egizzjan intorducih lil tfalja Maltija u wara ftit zmien izzewgu civilment. Peress illi l-attur diga' kellu zewgt itfal u wiehed minnhom kien handikappat, il-konvenuta ma riditx li jkollha tfal. Il-perit legali f'dan il-kaz kienet ikkonkuldiet illi din l-intenzjoni tal-konvenuta tammonta ghall-kundizzjoni. Il-Qorti ddecidiet illi dan iz-zwieg huwa null abbazi tal-**artikoli 19 (f) u (g) u (d),** peress illi l-attur issimula z-zwieg ghax izzewweg ghal konvenjenza, u l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha taz-zwieg mal-kundizzjoni li ma jkollhiex tfal (li tigi ukoll simulazzjoni parzjali).

Illi l-istess iddecidiet l-Qorti fil-kaz **"Grech vs Ibida"** (P. A. deciza fl-10 ta' Ottubru 1995) fejn iz-zwieg gie dikjarat null abbazi tal-**artikoli 19 (1) (f)** u (1) *stante* illi l-konvenut ried jizzewweg sabiex ikun jista' jahdem hawn Malta minghajr problemi, mentri l-attrici kkundizzjonat il-validita' taz-zwieg civili taghha (zwieg civili li ghaliha ma kien ifisser xejn) ghaz-zwieg bil-Knisja celebrat fil-Knisja.

Illi jidher li hemm bazi ghalhekk sabiex dan iz-zwieg jigi wkoll ddikjarat null skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (g)**. Fil-fatt, il-konvenuta kienet esplicita meta qalet illi hi kienet ghamlithielu cara lill-attur, sa minn qabel iz-zwieg, illi minn dan iz-zwieg ma riditx tfal. Fix-xhieda tieghu l-attur jispjega kif darba minnhom hasbu illi l-konvenuta harget tqila u meta l-konvenuta kkonfermat illi

dan ma kienx minnu, kienet hadet pjacir hafna ghax ma riditx tfal. Il-konvenuta ma riditx tfal minn dan iz-zwieg ghax fil-fatt, sussegwentement ghal dan iz-zwieg, il-konvenuta kellha tarbija minn ragel iehor.

Illi ghalhekk, mill-provi migbura din il-Qorti hi tal-fehma illi l-**artikolu 19 (1) (g)** jirrizulta peress illi l-konvenuta rabtet il-kunsens taghha taz-zwieg mal-kundizzjoni li ma jkollhiex tfal (li tigi ukoll simulazzjoni parzjali).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha a bazi tal-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tiddikjara l-imsemmi zwieg bejn il-partijiet datat 31 ta' Marzu 1994 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (g) (d) u (f) ta' l-Att XXXVII tal1975 li Jirregola z-Zwigijiet** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif aktar 'il fuq espost u spjegat f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------